REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/53

tas-7 ta' Jannar 2025

li jerġa' jiftaħ is-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja, billi jħassar ir-Regolament (UE) 2024/1819

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2024.

(2) Fl-10 ta' Ġunju 2024, skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, Spanja għarrfet lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha li tipprojbixxi s-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 mill-4 ta' Marzu 2024.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1819 ([3]) ipprojbixxa s-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja.

(4) Skont l-informazzjoni li waslet lill-Kummissjoni fl-14 ta' Novembru 2024 mill-awtoritajiet Spanjoli, għadha disponibbli kwantità għal Spanja għall-kwota għal dak l-istokk. B'konsegwenza ta' dan, is-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, jenħtieġ li jinfetaħ mill-ġdid sakemm jiġi indikat mod ieħor.

(5) Dak il-ftuħ mill-ġdid tas-sajd jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-15 ta' Novembru 2024 sabiex il-kwantità tal-raja ondjata inkwistjoni tkun tista' tinqabad qabel tmiem is-sena attwali.

(6) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) 2024/1819 jenħtieġ li jitħassar b'effett mill-15 ta' Novembru 2024.

(7) Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju taċ-ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi peress li għadha disponibbli l-kwota għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 għall-istaġun tas-sajd 2024 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, imsemmi fl-Anness, jinfetaħ mill-ġdid.

Ir-Regolament (UE) 2024/1819 huwa revokat.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/257 tal-10 ta' Jannar 2024 li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 (ĠU L, 2024/257, 11.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/257/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/1819 tal-24 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għar-raja ondjata fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9 minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja (ĠU L, 2024/1819, 27.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1819/oj).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-15 ta' Novembru 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Costas KADIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	03/TQ257 — Ftuħ mill-ġdid
Stat Membru	Spanja
Stokk	RJU/9-C.
Speċi	Raja ondjata (*Raja undulata*)
Żona	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 9
Data tal-għeluq	L-4 ta' Marzu 2024
Data tal-ftuħ mill-ġdid	Il-15 ta' Novembru 2024